

II

(Atti mhux legiſlatti)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 454/2010

tas-26 ta' Mejju 2010

dwar il-miżuri tranżitorji skont ir-Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-ittikkettjar għall-għalf

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 32(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 767/2009 jipprovdi għal revizzjoni sħiħa tar-regoli tal-UE dwar il-kundizzjonijiet tat-tqegħid fis-suq ta' materjali tal-għalf u għalf kompost u l-Artikolu 32 (4) jippermetti miżuri li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni għar-regoli l-ġodda.
- (2) Ir-regoli dwar l-ittikkettjar stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 767/2009 għandhom jiġu applikati mill-1 ta' Settembru 2010. Dan jimplika bidla f'daqqa u mhux tranżizzjoni mingħajr diffikultajiet għall-operaturi tan-negozju tal-għalf li jqiegħdu l-għalf fis-suq. Il-bdil tad-disinn u l-produzzjoni tat-tikketti u l-bidla tal-makkinarju eżistenti minn jum għall-ieħor tkun spiża kbira għal dawk in-negozji. Il-piż li jirriżulta minn dan ikun sproporzjonat għall-oġġettiv tal-bidla. Huwa għalhekk xieraq li jingħata perjodu tranżitorju li matulu l-għalf jista' jiġi ttikkettjat skont ir-Regolament (KE) Nru 767/2009 qabel l-1 ta' Settembru 2010.
- (3) Fir-rigward tal-għalf intenzjonat għall-annimali domestiċi, is-suq jikkonsisti f'numru kbir ta' prodotti differenti b'tikketti speċifiċi. Meta mqabbel mar-regoli tal-ittikkettjar

attwali għall-ikel tal-annimali domestiċi, l-Artikoli 15(f), 17(1)(f) u 19 biss tar-Regolament (KE) Nru 767/2009 ser jintroduċu tibdil għal-ittikkettjar ta' dawn il-prodotti, li jirrappreżenta biss tibdil minuri bl-ebda effett fuq is-sigurtà. Sabiex ikun hemm tranżizzjoni mingħajr diffikultajiet għall-operaturi tan-negozju tal-għalf ikkonċernat, huwa ġustifikat li jkun provdut perjodu tranżitorju ta' sena li matulu t-tikketti attwali għall-ikel tal-annimali domestiċi jkun jistgħu jibqgħu jintużaw wara l-1 ta' Settembru 2010.

- (4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Permezz ta' deroga mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 767/2009 u mingħajr preġudizzju għad-Direttivi tal-Kunsill 79/373/KEE⁽²⁾, 82/471/KEE⁽³⁾, 93/74/KEE⁽⁴⁾ u 96/25/KEE⁽⁵⁾, l-għalf ittikkettjat skont ir-Regolament (KE) Nru 767/2009 jista' jitqiegħed fis-suq mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Permezz ta' deroga mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 767/2009, l-għalf intenzjonat għal annimali domestiċi u ttikkettjat skont id-Direttiva 79/373/KEE u l-Artikolu 16 tad-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE⁽⁶⁾ jista' jitqiegħed fis-suq sal-31 ta' Awwissu 2011. Wara dik id-data, jista' jibqa' fis-suq sakemm jispiċċaw il-ħażniet.

⁽¹⁾ ĠU L 229, 1.9.2009, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 86, 6.4.1979, p. 30.

⁽³⁾ ĠU L 213, 21.7.1982, p. 8.

⁽⁴⁾ ĠU L 237, 22.9.1993, p. 23.

⁽⁵⁾ ĠU L 125, 23.5.1996, p. 35.

⁽⁶⁾ ĠU L 270, 14.12.1970, p. 1.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Mejju 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO
